MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2009

Appell Civili Numru. 301/2004/1

**Motherwell Bridge Mediterranean Limited.**

**v.**

**L-Avukat Dr. Leslie Cuschieri u P.L. Mario Mifsud Bonnici**
**nominati b'digriet datat l-14 ta' Gunju 2004 bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lis-socjeta` estera**
**Predsiebiorstwo Uslogowo – Handlowe Sp. z.o.o. ezercenti l-kummerc bhala "Projtech".**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' April 2004 is-socjeta` attrici ppremettiet illi b'kuntratt datat 27 ta' Frar 2002 (kopja tieghu annessa u mmarkata Dok. "A") bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` estera Hidroconstruction d.o.o., is-socjeta` attrici giet inkarigata mill-istess socjeta` estera tissuplixxi diversi *pre-fabricated steel elements* ghal progett li din l-istess socjeta` estera kienet giet inkarigata minn terzi li tesegwixxi gewwa l-Libja; illi bhala parti mill-konsenja tal-materjal li kellha taghmel is-socjeta` attrici a tenur tal-kuntratt imsemmi fis-suespost, is-socjeta` attrici nkarigat lis-socjeta` konvenuta timmanifattura u tissuplixxi materjal principalment maghmlu minn *alloy* tal-azzar, u dan kif jirrizulta minn *Purchase Order* datata 20 ta' Gunju 2002 (kopja taghha annessa u mmarkata Dok. "B"); illi s-socjeta` konvenuta naqqset li tadempixxi l-obbligi kontrattwali taghha assunti permezz tal-*Purchase Order* suesposta, billi naqqset li tikkonsenja l-materja in kwistjoni fil-hin, bir-rizultat li s-socjeta` Hidroconstruction d.o.o. invokat kontra s-socjeta` attrici penali a tenur tal-kuntratt tas-27 ta' Frar 2002 (Dok. "A"); illi permess ta' ftehim ta' transazzjoni datat 18 ta' Settembru 2003 (kopja tieghu annessa u mmarkata Dok. "C"), is-socjeta` attrici qablet li thallas lis-socjeta` Hidroconstruction d.o.o. is-somma ta' sebgha u tmenin elf euro (EURO87,000), li bir-rata tal-kambju odjerna hija ekwivalenti ghal sebgha u tletin elf u sitta u ghoxrin lira Maltija (Lm37,026); illi s-socjeta` attrici nterpellat lis-socjeta` konvenuta sabiex tikkompensaha ghall-penali msemmija hawn fuq, anke permezz ta' ittra ufficjali tal-24 ta' Ottubru 2003 (kopja taghha annessa u mmarkata Dok. "D"), izda din baqghet inadempjenti.

Dan premess is-socjeta` attrici talbet li dik il-Qorti:-

"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta` konvenuta naqqset mill-obbligi kontrattwali assunti minnha permezz tal-Purchase Order tal-20 ta' Gunju 2002.

“2. Tiddikjara u tiddeciedi illi b’rizultat tan-nuqqas tas-socjeta` konvenuta li tadempixxi l-obbligi kontrattwali assunti minnha permezz tal-Purchase Order tal-20 ta’ Gunju 2002 is-socjeta` attrici soffriet danni;

“3. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` attrici fis-somma ta’ sebgha u tmenin elf euro (EURO87,000), li bir-rata tal-kambju odjerna hija ekwivalenti ghal sebgha u tletin elf u sitta u ghoxrin lira Maltija (Lm37,026), jew somma ohra verjuri li din l-Onorabbli Qorti tista’ tillikwida, anke bl-opra ta’ periti nominandi;

“4. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma hekk likwidata.

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta’ Ottubru 2003 u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra s-socjeta` konvenuta, li r-rapprezentant taghha huwa issa ngunt in subizzjoni.”

B’nota pprezentata fit-23 ta’ Gunju 2004 (fol. 35) Dr. Leslie Cuschieri u l-PL Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati in rappresentanza tas-socjeta` estera Predsiebiorstwo Uslogowo – Handlowe Sp z.o.o. eccepew:-

“1. Illi, b’digriet tal-14 ta’ Gunju 2004 huma gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta` estera Predsiebiorstwo Uslogowo – Handlowe Sp. Z.o.o. ezercenti l-kummerc bhala “Projtech”.

“2. Illi huma m’ghandhomx mezz kif jikkomunikaw ma’ rapprezentanti tas-socjeta` minnhom rapprezentata u ghalhekk mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz odjern.

“3. Illi ghalhekk huma jirriservaw li jeccepixxu ulterjorment.

B’nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-Avukat Dr. Leslie Cuschieri et nomine datata 16 ta’ Mejju 2005 (fol. 47) gie eccepit:-

"1. Illi mhuwiex minnu li s-socjeta` estera konvenuta naqset milli tadempixxi l-obbligi kontrattwali taghha assunti permezz tal-purchase order ezebit mac-citazzjoni u mmarkat bhala Dok "B", izda ghal kuntrarju, u dan skond kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-merkanzija giet ikkonsenjata skond l-istruzzjonijiet tal-istess socjeta` attrici;

"2. Illi inoltre ma kien hemm ebda obbligu da parti tas-socjeta` estera konvenuta versu s-socjeta` attrici li ghandu jsir xi forma ta' hlas ta' xi penali fil-kaz li l-konsenja tal-apparat in kwistjoni ssir tardivament;

"3. Illi skond kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, il-penali li allegatament kellha thallas is-socjeta` attrici skond kif specifikat fid-Dok "C" anness mac-citazzjoni (liema ftehim lanqas m'hu ffirmat mis-socjeta` attrici) mhuwiex dovut ghal xi nuqqas da parti tas-socjeta` estera konvenuta, izda huwa dovut ghan-nuqqas da parti tas-socjeta` attrici li tikkonsenja l-apparat li kellha timmanifattura hi fil-hin miftiehem bejnha u bejn is-socjeta` estera Hidroconstruction d.o.o, liema apparat, meta fil-fatt gie kkonsenjat, kien ukoll difettuz u ghalhekk kien jirrikjedi xoghol estensiv ta' riparazzjoni mwettqa mill-istess socjeta` Hidroconstruction;

"4. Illi skond dikjarazzjoni rilaxxata minn Joze Gricnik ("Resident Manager" tas-socjeta` estera Hidroconstruction d.o.o.) li kopja taghha qed tigi annessa u mmarkata Dok "P1", iz-zewg konsenji li saru mis-socjeta` estera konvenuta fis-sit il-Libya fejn kellhom isiru bl-ebda mod ma interrompew ix-xoghol ta' kostruzzjoni li kellha twettaq l-istess socjeta` Hidroconstruction d.o.o. u d-difetti li kellhom dawn il-konsenji kienu ta' importanza minima u gew riparati mill-impjegati ta' Hidroconstruction stess, li giet rimbursata ghal tali riparazzjonijiet direttament mis-socejta` estera konvenuta;

"5. Illi ghalhekk it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici, stante li l-penali li qed tallega li kellha thallas lis-socjeta` estera Hidroconstruction d.o.o. hija

dovuta ghan-nuqqas da parti taghha li twettaq l-obbligi kontrattwali assunti minnha, mhux minhabba konsenja tardiva da parti tas-socejta` estera konvenuta.

“Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn.”

L-Avukat Dottor Leslie Cuschieri u l-PL Mario Mifsud Bonnici fil-kwalita` taghhom premessa ntavolaw kontro-talba flimkien man-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri fejn esponew:-

“Illi s-socjeta` estera konvenuta li ghaliha huma gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-istess ipprevalixxiet ruhha mic-citazzjoni pprezentata kontra taghha u debitament notifikata lilhom fil-vesti taghhom premessa sabiex tipprezenta l-odjerna kontro-talba:-

“Illi s-socjeta` estera konvenuta Projtech topera fl-industrija ta’ disinjar industrijali u manifattura ta’ apparat u ngenji tal-metall;

“Illi fl-20 ta’ Gunju 2002 is-socjeta` attrici rikonvenzjonata ghamlet “Purchase Order” mas-socjeta` konvenuta ghal manifattura ta’ apparat principalment maghmlu minn “alloy” tal-azzar bill-konsenja pattwita li ssir f’darbtejn u l-hlas isehh fi zmien wiehed u ghoxrin (21) jum minn kull konsenja (Dok. “B” anness mac-citazzjoni);

“Illi fuq istruzzjonijiet tas-socjeta` attrici rikonvenzjonata fid-19 ta’ Ottubru 2002 is-socjeta` estera konvenuta baghtet l-ewwel konsenja direttament ghand il-klijent tas-socjeta` attrici, Hidroconstruction d.o.o. fis-sit gewwa l-Libja, u fit-12 ta’ Novembru 2002 is-socjeta` attrici effetwat l-ewwel pagament;

“Illi fis-26 ta’ Jannar 2003 is-socjeta` estera konvenuta baghtet it-tieni konsenja direttament ghand il-klijenti tas-socjeta` attrici, Hidroconstruction d.o.o. fis-sit gewwa l-Libja;

“Illi minkejja t-trapass taz-zmien utili ghall-effettwar tal-pagament, dan baqa’ ma sarx mis-socjeta` attrici;

“Illi wara li s-socjeta` estera konvenuta ghamlet diversi tentattivi sabiex tikkomunika mas-socjeta` attrici u tinvestiga r-raguni ghan-nuqqas ta’ hlas is-socjeta` attrici permezz ta’ fax datata 28 ta’ Marzu 2003 li kopja taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok. “P2” finalment allegat illi d-dewmien fil-hlas kien dovut ghal dewmien min-naha tas-socjeta` Projtech biex tikkonsenja x-xoghol u konsegwenti dewmien fil-hlas lilha mis-socjeta` Hidroconstruction d.o.o.

“Illi s-socjeta` attrici rikonvenzjonata weghdet illi thallas lis-socjeta` Projtech dak li kien dovut lilha hekk kif Hidroconstruction d.o.o. tirrilaxxa l-pagamenti dovuti;

“Illi jirrizulta li d-dewmien fil-progett kien ghal kuntrarju, rizultat ta’ apparat li kellu jigi manifatturat mis-socjeta` attrici rikonvenzjonata u li wasal fis-sit tal-progett tardivament;

“Illi jirrizulta wkoll lis-socjeta` estera konvenuta illi Hidroconstruction d.o.o. effettivament hallset lis-socjeta` attrici;

“Illi ghalhekk is-socjeta` estera konvenuta hija kreditrici tas-socjeta` attrici fis-somma bilancjali ta’ disgha u sittin elf erba’ mija u sitt Euros (€69,406), oltre l-imghaxijiet kummercjali mill-jum illi l-imsemmi bilanc sar dovut, rapprezentanti bilanc dovut ghat-tieni konsenja kif ukoll l-ispejjez relattivi ghat-trasport ta’ tali konsenja u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“Illi ghalkemm interpellata sabiex thallas dan l-ammont anke ufficjalment permezz ta’ protest gudizzjarju pprezentat fis-sebgha (7) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003) is-socjeta` attrici rikonvenzjonata baqghet indempjenti skond kopja legali tal-istess protest hawn anness u mmarkat Dok “P3”;”

Dan premess is-socjeta` konvenuta rikonvenzjonanti talbet li dik il-Qorti joghgobha:-

“1. Tiddikjara li s-socjeta` estera konvenuta hija kreditrici tas-socjeta` attrici rikonvenzjonata fis-somma ta’ disgha u sittin elf erba’ mija u sitt Euros (€69,406), oltre l-imghaxijiet kummercjali mill-jum illi l-imsemmi bilanc sar dovut sad-data tal-pagament effettiv, rapprezentanti bilanc dovut ghat-tieni konsenja kif ukoll l-ispejjez relattivi ghat-trasport ta’ tali konsenja u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“2. Tordna lis-socjeta` attrici rikonvenzjonata thallas lis-socjeta` estera konvenuta l-imsemmija somma ta’ disgha u sittin elf erba’ mija u sitt Eoros (€69,406), f’ekwivalenza ta’ Liri Maltin fid-data tal-pagament effettiv skond ir-rata tal-kambju kurrenti fiz-zmien rilevanti, rapprezentanti bilanc dovut ghat-tieni konsenja kif ukoll l-ispejjez relattivi ghat-trasport ta’ tali konsenja, oltre l-imghaxijiet kummercjali millum illi l-imsemmi bilanc sar dovut sad-data tal-pagament effettiv.

“Bl-ispejjez kollha nkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk tal-protest gudizzjarju pprezentat fis-sebgha (7) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003) bl-imghax legali mill-jum li l-imsemmi bilanc sar dovut sad-data tal-pagament effettiv, u kontra s-socjeta` attrici li d-diretturi taghha huma ngunti minn issa ghas-subizzjoni taghhom.

B’rikors, bid-dokumenti annessi, datat 20 ta’ Mejju 2005 (fol. 65) is-socjeta` Motherwell Bridge Mediterranean Limited talbet li l-Qorti joghgobha tiddikjara l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta bhala irrita u nulla u konsegwentement tordna l-isfilz taghha, taht kull provediment iehor xieraq u opportun.

Fit-18 ta’ Novembru 2005 inghata provvediment fuq ir-rikors tas-socjeta` attrici tal-20 ta’ Mejju, 2005 fejn giet michuda t-talba tas-socjeta` attrici ghall-isfilz tal-kontro-talba tal-konvenuti; l-ewwel Qorti ordnat il-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza w dana wara li l-istess Qorti ppronunzjat ruhha kif gej:

“Rat l-atti tal-kawza;

"Ikkunsidrat;

"Illi fit-23 ta' Gunju 2004 is-socjeta` konvenuta pprezentat nota tal-eccezzjonijiet fis-sens li huma ma kienux ghadhom edotti bil-fatti tal-kaz, stante li ma kienx ghad kellhom mezzi biex jikkomunikaw mas-socjeta` minnhom rapprezentata; u rrizervaw li jeccepixxu ulterjorment.

"Illi permezz ta' nota prezentata mill-istess socjeta` fis-16 ta' Mejju 2005, dina pprezentat nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri, flimkien ma' kontro talba.

"Illi s-socjeta` attrici qed titlob l-isfilz tal-kontro talba in bazi tal-argument li ma kienx lecitu li tigi prezentata kontro talba f' dak l-istadju meta kienet diga' giet prezentata antecedentement nota tal-eccezzjoni.

"Illi fil-kawza fl-ismijiet PA[GCD]Professur Victor Milanes et vs Avukat Christopher Cilia et deciza fit-18 ta' Ottubru 2005, din il-Qorti, diversament presjeduta, li trattat vertenza identika bhal dik in disamina osservat li "Tassew illi l-eccezzjonijiet ulterjuri ma humiex mehtiega mill-ligi, izda fil-kaz tallum l-ewwel nota ta' eccezzjonijiet saret mill-kuraturi, u saret biss ghall-forma, biex il-konvenut ma jitqiesx kontumaci. La darba fil-waqt li saret l-ewwel nota ta' eccezzjonijiet, il-kuraturi ma kienux jafu bizzejjed dwar il-kaz la biex jikkontestaw it-talbiet tal-atturi u lanqas biex iressqu l-kontro talbiet, ma jkunx xieraq illi l-konvenut jigi mcahhad mill-opportunita' li jressaq il-kontro talbiet tieghu fl-ewwel okkazzjoni li kellu. Ir-rikonvenzjoni ghalhekk saret sew, ghalkemm fin-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri."[1]

"Illi din il-Qorti tikkondividi din il-posizzjoni legali in materja, u tirrileva li fil-kaz odjern, il-kontro talba giet prezentata fl-ewwel okkazzjoni li kellhom il-kuraturi meta dawn gew edotti bil-fatti tal-kaz. Ghalhekk hi tal-fehma li t-talba tar-rikorrenti hija nsostenibbli fid-dritt.

[1] Sottolinear ta' din il-Qorti

“Ghal dawn il-motivi tichad it-talba tas-socjeta` rikorrenti ghall-isfilz tal-kontro talba tal-konvenuti; u tordna l-prosegwiment tas-smigh tal-kawza.”

B’rikors iehor tat-2 ta’ Awwissu 2006 is-socjeta` attrici Motherwell Bridge Mediterranean Limited talbet li l-Qorti joghgobha tirrevoka *contrario imperio* d-digriet taghha tat-18 ta’ Novembru 2005 u konsegwentement tiddikjara li l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta hija irrita u nulla, u konsegwentement tordna l-isfilz taghha, taht kull provediment xieraq u opportun. Din it-talba giet michuda b’digriet tal-4 ta’ Settembru, 2006 meta dik il-Qorti filwaqt li cahdet it-talba, kkonfermat id-digriet taghha moghti fit-18 ta’ Novembru 2005.

B’sentenza moghtija fil-31 ta’ Mejju, 2007 il-Prim Awla tal-Qort Civili ddisponiet minn din il-vertenza bil-mod segwenti:-
“Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta` konvenuta biss in kwantu l-istess huma konsistenti ma’ dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

“Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

“Illi dwar il-**kontro-talba tas-socjeta` konvenuta**, din il-Qorti ghal dawn il-motivi, **taqta’ u tiddeciedi**, billi **tilqa’ t-talbiet tas-**socjeta` **konvenuta fil-kontro-talba taghha** b’dan illi:-

“1. Tiddikjara li s-socjeta` estera konvenuta hija kreditrici tas-socjeta` attrici rikonvenzjonata fis-somma ta’ disgha u sittin elf erba’ mija u sitt Euros (€69,406), rapprezentanti bilanc dovut ghat-tieni konsenja kif ukoll l-ispejjez relattivi ghat-trasport ta’ tali konsenja oltre l-imghaxijiet kummercjali mill-jum illi l-imsemmi bilanc sar dovut sad-data tal-pagament effettiv.

“2. Tordna lis-socjeta` attrici rikonvenzjonata thallas lis-socjeta` estera konvenuta l-imsemmija somma ta’ disgha u sittin elf erba’ mija u sitt Euros (€69,406), f’ekwivalenza

ta’ Liri Maltin fid-data tal-pagament effettiv skond ir-rata tal-kambju kurrenti fiz-zmien rilevanti, rapprezentanti bilanc dovut ghat-tieni konsenja kif ukoll l-ispejjez relattivi ghat-trasport ta’ tali konsenja, oltre l-imghaxijiet kummercjali millum illi l-imsemmi bilanc sar dovut sad-data tal-pagament effettiv.

“Bl-ispejjez kollha nkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk tal-protest gudizzjarju pprezentat fis-sebgha (7) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (2003) u bl-imghax legali gia ndikat kontra s-socjeta` attrici.”

Dik il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:

“Illi s-socjeta` attrici qed tallega li hija kienet ordnat minghand is-socjeta` konvenuta permezz ta’ *purchase order* datata 20 ta’ Gunju 2002 (Dok. “B”) konsenja u manifattura ta’ materjal konsistenti principalment minn *alloy* tal-azzar, liema konsenji kellhom isiru fit-30 ta’ Awwissu 2002 u fis-7 ta’ Ottubru 2002 rispettivament, konsenji li s-socjeta` attrici tallega li ma sehhewx fiz-zmien indikat, b’dan li konsegwenza tal-istess is-socjeta` attrici qed tallega li hija soffriet danni fl-ammont ta’ 87,000 Euros li kienet penali li hija kellha thallas lis-socjeta` Hidroconstruction d.o.o. li kellha ftehim maghha datat 27 ta’ Frar 2002, li kien jistipula kwalsola ta’ penali fin-nuqqas *da parte* tas-socjeta` attrici li tisuplixxi l-materjal hemm indikat lilha, u li abbazi ta’ transazzjoni bejn l-istess socjeta` attrici u din s-socjeta` estera sar qbil li l-penali minhabba dan l-allegat dewmien li ghalih kienet tahti s-socjeta` konvenuta kellu jkun tal-ammont indikat fil-ftehim datat 18 ta’ Settembru 2003 (Dok. “C”, u ghalhekk is-socjeta` attrici qed titlob li s-socjeta` konvenuta tigi dikjarata li naqset mill-obbligi taghha abbazi tal-kuntratt datat 20 ta’ Gunju 2002 u dan fis-sens li l-istess merkanzija ma kenitx giet ikkonsenjata fiz-zmien pattwiet u konsegwenza ta’ hekk l-istess socjeta` attrici soffriet danni fl-ammont ta’ 87,000 Euros (ekwivalenti ghal Lm37,026).

“Illi min-naha taghha s-socjeta` konvenuta cahdet dan peress li sostniet li hija kkonsenjat il-merkanzija skond l-istruzzjonijiet tas-socjeta` attrici u wkoll li l-penali li allegatament hallset is-socjeta` attrici lis-socjeta` indikata kienet dovuta ghan-nuqqasijiet min-naha tas-socjeta` attrici nnifisha li tikkonsenja l-apparat li kellha tisspullixxi lis-socjeta` Hidroconstruction d.o.o, u dan huwa kkonfermat minn dak li ddikjara Joze Gricnik, *Resident Manager* tal-imsemmija socjeta` estera skond Dok. “P1” a fol. 51 tal-process, u ghalhekk min-naha taghha s-socjeta` konvenuta talbet li minflok is-socjeta` attrici tigi kkundannata thallas l-ammont ta’ 69,406 Euros bilanc minn somma akbar rappresentanti prezz tat-tieni konsenja tal-apparat indikat fil-*purchase order* datata 20 ta’ Gunju 2002 li baqa’ ma thallax mis-socjeta` attrici.

“Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet iffirmat ftehim mas-socjeta` Hidroconstruction d.o.o datat 27 ta’ Frar 2002 fejn l-istess socjeta` kellha tikkonsenja *pre-fabricated steel elements* fit-terminu indikat f’klawsola 4 tal-istess ftehim immarkat bhala Dok. “A” u fin-nuqqas giet miftehma penali ghad-dewmien ekwivalenti ghal tnejn fil-mija (2%) tal-valur total tal-kuntratt, sa massimu ta’ ghaxra fil-mija (10%) kif stipulata fil-kwalsola numru 5 tal-istess.

“Illi konsegwenti ghal dan il-ftehim s-socjeta` attrici dahlet fi ftehim mas-socjeta` konvenuta ghall-fornitura tal-materjal indikat skond *purchase order* datata 20 ta’ Gunju 2002, u fejn l-ewwel konsenja kellha ssir fil-15 ta’ Settembru 2002 u t-tieni konsenja kellha ssir fis-7 ta’ Ottubru 2002. Huwa pacifiku li fil-ftehim originali l-materjal kellu jkun lest ghall-konsenja fil-Polonja, pero’ wara gie miftiehem li l-istess materjal kellu jigi trasportat il-Libja.

“Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta` konvenuta ghamlet l-ewwel konsenja fis-sit gewwa l-Libja, kif diretta mis-socjeta` attrici fid-19 ta’ Ottubru 2002, u thallset fit-12 ta’ Novembru 2002, mentri t-tieni konsenja saret bl-istess mod fis-26 ta’ Jannar 2003, u ma hemm l-ebda dubju li – istess konsenji ma sarux fiz-zmien pattwiet bejn iz-zewg socjetajiet skond l-imsemmija *purchase order*, pero’

ghandu jigi ndikat ukoll li l-ftehim bejn il-partijiet odjerni kien jirreferi ghall-konsenja tal-prodott *ex works* fil-Polonja, mentri wara sar arrangament, li jidher ukoll li s-socjeta` Hidroconstruction d.o.o. qablet mieghu wkoll, li tali konsenja kellha ssir fil-Libja, b'dan li l-istess socjeta` konvenuta tiehu hsieb tali konsenja, mentri s-socjeta` attrici thallas ghall-ispejjez tat-trasport tal-istess. Dan jinsab ikkonfermat anke mix-xhieda ta' Stephen Perici moghtija fl-affidavit tieghu datat 26 ta' April 2006 (fol. 85) fejn jghid:-

*"Illi wkoll skond il-purchase order imsemmija, il-konsenja kienet ibbazata fuq it-termini "ex works Poland", cioe' illi l-materjal kellu jkun lest ghall-konsenja fil-facilita' tal-Projtech fil-Polonja fid-dati stipulati*. ***Illi sussegwentement kien miftiehem bejn Motherwell u Projtech, fuq premura ta' Hidroconstruction d.o.o***. *li l-komponenti ta' alloy steel, li kellha tiffabrika l-istess Projtech, kellhom jigu trasportati direttament mill-Polonja ghal Libya, minghajr ma jigu Malta*. *Illi fil-fatt, is-shipment innifsu hadet hsiebu Projtech, u Motherwell hallset ix-shipping costs relattivi direttament lil Projtech*". Dwar it-termini ndikati ma ntqal xejn ghalkemm jidher li dawn necessarjament gew affettwati b'dan l-arrangament li biddel il-ftehim originali bejn il-partijiet f'din il-kawza.

"Illi minn hawn din il-Qorti ser tikkonsidra c-citazzjoni attrici li jirrizulta li hija wahda ta' danni, fejn l-istess socjeta` attrici qed tallega li bin-nuqqas *da parte* tas-socjeta` konvenuta li taghti l-konsenja tal-materjal hemm indikat fit-terminu pattwiet ikkawza lill-istess socjeta` attrici danni, u dan naxxenti biss mill-istess dewmien ta' konsenja, li espona lis-socjeta` attrici ghal-hlas ta' penali minhabba dewmien skond il-kuntratt li min-naha taghha s-socjeta` attrici kellha mas-socjeta` Hidroconstruction d.o.o., penali li effettivament l-istess socjeta` attrici qablet li thallas lid-ditta Hidroconstruction d.o.o. wara ftehim ta' transazzjoni li nthalaq bejn il-kontraenti datat 18 ta' Settembru 2003 (Dok. "C") ghalkemm jinghad li l-kopja esebita lanqas tidher li giet fil-fatt iffirmata mis-socjeta` attrici (fol. 27).

“Illi hawn din il-Qorti thoss li ghandha tosserva li dwar l-azzjoni attrici, hija ghandha l-oneru ta’ prova ta’ dak li qed tallega; fit-tieni lok jidher li l-klawsola tal-penali kienet ezistenti bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` Hidroconstruction d.o.o. permezz tal-kuntratt datat 27 ta’ Frar 2002, u l-istess klawsola tal-penali ma kenitx tezisti fil-ftehim bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta datat 20 ta’ Gunju 2002, b’dan l-istess klawsola tal-penali fil-ftehim tas-27 ta’ Frar 2002 huwa *res inter alios acta* ghal dak li jirrigwarda s-socjeta` konvenuta, u b’hekk il-principji u l-kondizzjonijiet li jirregolaw il-ftehim bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` Hidroconstruction d.o.o., certament li ma jirregolawx ir-relazzjoni bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta, bil-konsegwenza li l-klawsola penali ma tapplikax u ma testendiex ghar-relazzjoni bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta, tant li l-azzjoni tas-socjeta` attrici ma hijiex wahda ghall-applikazzjoni tal-klawsola tal-penali kontra s-socjeta` konvenuta, izda kawza ta’ danni.

“Illi la darba l-azzjoni attrici hija wahda ta’ danni, s-socjeta` attrici ghandha l-oneru li tipprova li bin-nuqqas *da parte* tas-socjeta` konvenuta li zzomm it-termini tal-konsenja tal-materjal minnha ordnat, hija soffriet id-danni minnha pretizi f’din l-azzjoni, b’dan li ghandu jigi ppruvat ness ta’ kazwalita’ bejn tali mankanza ta’ osservanza tat-terminu ghall-konsenja *da parte* tas-socjeta` konvenuta u d-danni sofferti mis-socjeta` attrici.

“Illi f’din il-kawza attrici, l-istess socjeta` attrici qed tallega li kien minhabba n-nuqqas ta’ konsenja fit-terminu pattwiet *da parte* tas-socjeta` konvenuta, li hija nkorriet il-penali mas-socjeta` estera Hidroconstruction d.o.o, li wassal finalment ghal-ftehim ta’ transazzjoni dwar l-ammont tal-istess penali bejn l-imsemmija zewg socjetajiet datat 18 ta’ Settembru 2003 fl-ammont ta’ Euros 87,000 ekwivalenti ghall-pretensjoni attrici fl-ammont ta’ Lm37,026.

“Illi din il-Qorti thoss li pero’ din l-allegazzjoni *da parte* tas-socjeta` attrici mhux biss ma gietx ippruvata izda tinsab kontradetta mhux biss mix-xhieda rappresentanti tas-

socjeta` konvenuta, izda wkoll mix-xhieda u d-dokumenti prodotti mis-socjeta` Hidroconstruction d.o.o, inkluz id-Dok. "P 1" (fol. 51) indirizzat lis-socjeta` attrici stess fejn jinghad li d-dewmien tal-materjal *da parte* tas-socjeta` konvenuta bl-ebda mod ma kkawza l-ebda dannu lilha, u d-difetti li kien hemm f'xi provisti suppliti mis-socjeta` konvenuta gew fil-fatt irrangati jew ghamlet tajjeb ghalihom direttament l-istess socjeta` konvenuta.

"Illi mhux biss l-istess komunikazzjoni hija kkorroborata mix-xhieda tal-mittenti taghha Joze Grisnik li kien impjegat bhala *Resident Manager* tas-socjeta` Hindroconstruction d.o.o. fix-xhieda tieghu datata 27 ta' Settembru 2006 (Dok. "VG" – fol. 116) fejn jghid li l-konsenja *da parte* tas-socjeta` konvenuta ma kkawzat l-ebda danni lilha, u n-nuqqasijiet li sehhew, li wasslu li s-socjeta` tieghu tinsisti ghall-hlas ta' penali skond il-kuntratt li hija kellha mas-socjeta` attrici, li wasslu ghat-transazzjoni tat-18 ta' Settembru 2003 kien dovut unikament u esklussivament ghall-mankanzi da parte tas-socjeta` attrici, tant li jinghad li "*such delays and penalties were due to:-*

*"1) Motherwell Bridge did not execute the prefabricated welded steel elements according to the approved drawings*. *Therefore the rest of the welding works – about 8030 m for two lines, at a cost of Euro 94,754 – were carried out by Hidroconstruction on site.*

*"2) Fabrication of some short supplied steel elements had to be carried out on site – the extra cost of this job amounted to Euro 14,700.00.*

*"3) Late dispatch (on 12.04.2003) of the third shipment from Malta consisting of the remainder for Line 2 – total delivery weight: 9.45 tons*.

*"This delay was the reason why Hidroconstruction had to incur extra expense to pay for the big crane which had to wait for the equipment which was delivered late*. *The extra cost for the crane amounts to Euro 30,000,00.*

*"Due to the late delivery of the apparatus by Motherwell Bridge as well as to the number of defects which required to be repaired and a great deal of extra welding and prefabricating works, Hidroconstruction claimed penalties in view of such delays and duties paid due to such delays in the sum of Euros 87,000. This amount was agreed after discussions took place and a reduction in penalties due negotiated with Motherwell Bridge".*

"Illi din ix-xhieda tikkorrobora x-xhieda ta' Jan Wojcik li kien *mechanical engineer* u president tas-socjeta` konvenuta moghtija minnu fl-affidavit datat 11 ta' Settembru 2006 (Dok. "JW" – fol 111) li jikkonferma kif is-socjeta` attrici waslet fi ftehim ta' transazzjoni mas-socjeta` Hidroconstruction d.o.o. minhabba n-nuqqasijiet tal-istess socjeta` attrici, nuqqasijiet li l-istess socjeta` attrici jidher li accettat ghaliex waslet fi ftehim ta' transazzjoni ma' l-hekk insejjah "*Contractor*" bil-ftehim tat-18 ta' Settembru 2003, fejn l-istess socjeta` naqset il-pretensonijiet taghha kontra s-socjeta` attrici u accettat l-ammont ta' Euros 87,000.

"Illi f'dan il-punt huwa relevanti li jinghad li dan il-ftehim ta' transazzjoni bejn is-socjeta` attrici u Hidroconstruction d.o.o. ma kienx limitat biss ghall-klawsola ta' penali dwar iz-zmien izda ghal kull *claim* naxxenti bejn is-socjeta` attrici u l-istess kumpanija tant li l-istess skrittura tirreferi kemm ghall-*claim for delays*" izda wkoll ghal *duty penalties* u fil-fatt l-istess transazzjoni saret "*in full and final settlement of any claims the Contractor has emanating from the Contract*" u b'dan ghalhekk jirrizulta li tali ftehim ma kienx jittratta biss il-kwistjoni ta' nuqqas ta' konsenja tax-xoghlijiet ordnati minghand is-socjeta` attrici, izda wkoll pendenzi ohra kif l-istess ftehim fuq kollox jghid u kif ix-xhieda fuq indikati spjegaw b'mod mill-iktar skjet, b'dan li apparti li l-istess transazzjoni ma tirreferi bl-ebda mod ghall-allegat agir tas-socjeta` konvenuta, certament li lanqas hija bbazata biss u esklussivament ghall-penali ghal semplici dewmien *ut sic*, izda wkoll ghal danni rejali li ppretendiet is-socjeta` indikata minhabba mankanzi *da parte* tas-socjeta` attrici, nkluz fl-esekuzzjoni tax-xoghol u tat-terminu miftiehem bejniethom.

“Illi dan huwa konsistenti ma’ dak li xehed Stephen Perici ghas-socjeta` attrici fl-affidavit tieghu tas-26 ta’ April 2006, fejn kontrarjament ghal dak li tghid s-socjeta` attrici fin-nota ta’ osservazzjonijiet fejn qed issostni li l-penali kontemplata fil-kuntratt u mhallsa mis-socjeta` attrici kienet biss minhabba nuqqas ta’ konsenja fit-terminu pattwiet, pero’ jidher car li mhux hekk il-kaz ghaliex huwa stess isostni li s-socjeta` Hidroconstruction d.o.o. talbet ghal tali penali minhabba li huma tilfu *exemptions* mid-dazzju li kienu jibbenefikaw minnhom kieku x-xoghol dahal qabel Dicembru 2002. (fol. 87). Illi d-dokument “SP 2” mahrug mis-socjeta` Hidroconstruction jikkonferma l-istess ghalkemm jirreferi wkoll ghan-nuqqas, din id-darba min-naha tas-socjeta` konvenuta, pero’ dan huwa kontradett mix-xhieda prodotta mis-socjeta` konvenuta, u f’dan l-isfond u kkonsiderata x-xhieda fil-kumpless taghha, din il-Qorti thoss li tali kontradizzjonijiet irrendu l-allegazzjonijiet u pretensjonijiet tas-socjeta` mhux ippruvati fil-grad rikjest mill-ligi, b’dan ghalhekk li t-talbiet attrici ma gewx ippruvati u ghalhekk qed jigu michuda. Din il-Qorti f’dan il-kuntest thoss li x-xhieda prodotta minn Jan Wojcik u Joze Gricnik tikkorobora t-tezi tas-socjeta` konvenuta u fil-fatt hija iktar verosimili, u thoss li fil-kumpless tal-provi l-allegazzjonijiet tas-socjeta` konvenuta huma iktar kredibbli, sostnuti u qed jigu accettati, b’dan li din il-Qorti thoss li ghandha tirritjeni li l-azzjoni attrici qed tigi michuda.

“Illi min-naha l-ohra ma hemm l-ebda dubju li l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta giet ippruvata u dan fis-sens li jirrizulta mix-xhieda kollha prodotta nkluz dik attrici li l-konsenja mertu tal-istess kontro-talba saret, u jirrizulta mill-provi prodotti li l-ammont bilancjali mertu ta’ din l-istess kontro-talba baqa’ ma thallax mis-socjeta` attrici – dan ghaliex is-socjeta` attrici ppretendiet li kienet hija li kellha tiehu minghand is-socjeta` konvenuta – tant li dan huwa l-mertu tal-azzjoni attrici li ghadha kemm appena giet michuda; fil-fatt l-istess socjeta` attrici sostniet ukoll li ovvjament fil-kaz li t-talbiet attrici kellhom jigu milqugha (haga li ma saritx) kien hemm lok ta’ tpacija. Hemm ukoll it-talba maghmula abbazi tal-protest gudizzjarju datat 7 ta’

Ottubru 2003 (Dok. “PB”) fejn saret talba ghall-hlas tal-istess ammont mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta u l-ittra datata 28 ta’ Marzu 2003 (Dok. “P2” – fol. 57) fejn is-socjeta` attrici tghid li l-konsenja saret u ssemmi li ma halsitx proprju minhabba l-pretensjoni li kellha kontra s-socjeta` konvenuta mertu tal-azzjoni attrici. B’hekk din il-Qorti thoss li l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta ghandha u qed tigi milqugha,”

**L-appell tas-socjeta` attrici**.

Is-socjeta` attrici hasset ruhha aggravata b’din is-sentenza kif ukoll bid-digriet tat-18 ta’ Novembru, 2005 u dak tal-4 ta’ Settembru, 2006 u ghalhekk, b’rikors intavolat fl-20 ta’ Gunju, 2007 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti “*joghgobha tirrevoka u tannulla d-digrieti moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fil-18 ta’ Novembru, 2005, u d-digriet moghti fl-4 ta’ Settembru, 2006, u minflok tordna l-isfilz tal-kontro-talba in kwantu hija irrita u nulla (u konsegwentement tirrevoka u tannulla s-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti relattivament ghall-kontro-talba), joghgobha wkoll tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fil-31 ta’ Mejju, 2005* [recte: 2007] *in kwantu laqghet l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-appellati nomine u chadet it-talbiet tas-socjeta` appellanti, u minflok tichad l-eccezzjonijiet tal-appellati nomine u tilqa’ t-talbiet tas-socjeta` appellanti, u anke f’kaz li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad dan l-umili appell in kwantu jirrigwarda d-digriet moghti mill-ewwel Onorabbli Qorti fit-18 ta’ Novembru, 2005, u d-digriet moghti fl-4 ta’ Settembru, 2006, joghgobha tirrevoka u tannulla s-sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti fil-31 ta’ Mejju 2005 in kwantu laqghet l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-appellati nomine u cahdet it-talbiet tas-socjeta` appellanti, u in kwantu laqghet it-talbiet tal-appellati nomine fil-kontro-talba taghhom, u minflok tichad l-eccezzjonijiet tal-appellati nomine u tilqa’ t-talbiet tas-socjeta` appellanti, u tichad it-talbiet tal-appellati nomine fil-kontro-talba taghhom, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati nomine.”*

L-appellati nomine debitament notifikati bir-rikors tal-appell naqsu li jipprezentaw risposta kif ukoll naqsu li jattendu l-udjenza tad-9 ta' Gunju, 2009 meta l-appell gie trattat mid-difensur tas-socjeta` appellanti u l-appell gie mholli ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidrat:**

Is-socjeta` attrici appellanti ressqet aggravji sew fil-konfront tad-digrieti tat-18 ta' Novembru, 2005 u tal-4 ta' Settembru, 2006 meta giet michuda t-talba attrici ghall-isfilz tal-kontro-talba pprezentata mis-socjeta` konvenut u s-sussewgenti cahda ghar-revoka *contrario imperio* ta' dan id-digriet; kif ukoll aggravji kontra s-sentenza tal-31 ta' Mejju 2007. L-aggravji kontra s-sentenza finali gew hekk sintetizzati fl-istess rikors ta' appell:
"a) relattivament ghat-talba tas-socjeta` apellanti, kif ukoll ghall-kotro-talba tal-appellati nomine l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi mressqa mill-kontendenti u dana billi waslet ghall-konkluzjoni opposta ghal dik li l-provi mressqa kienu jiddettaw;

"b) relattivament ghat-talba tas-socjeta` appellanti, dik il-Qorti applikat il-ligi hazin in kwantu tefghet fuq is-socjeta` appellanti l-oneru tal-prova tal-allegazzjoni (tal-appellati nomine) li s-socjeta` appellata ma kinitx inadempjenti fit-termini tal-konsenja, anke jekk mill-provi li ressqu l-appellati nomine stess, jirrizulta li s-socjeta` appellata kienet fil-fatt inadempjenti;

"c) relattivament ghat-talba tas-socjeta` appellanti, ghamlet konsiderazzjonijiet irrelevanti rigward il-principju ta' *res inter alios acta*, liema principju kellu fil-fatt isahhah l-allegazzjonijiet tas-socjeta` appellanti;

"d) filwaqt li jidher li skartat ghal kollox ezami dwar il-kredibilita` tax-xhieda mressqa mill-appellanti, li c-cirkostanzi kienu certament jiddettaw, iddecidied fuq dawn ix-xhieda, u ngustament ma qisietx ix-xhieda mressqa mis-socjeta` appellanti;

“e) relattivament ghall-kontro-talba, ingustament skartat il-principju tal-ahjar prova li jirrizulta mill-artikolu 559 tal-Kap 12;

“f) relattivament ghall-kontro-talba, applikat hazin ir-regola li tirrizulta mill-Artikolu 559 tal-Kap 12;

“g) ghamlet apprezzament hazin tal-principju legali li jirregolaw il-hlas ta’ imghax.”

**Ikkunsidrat:**

Dwar id-digrieti fuq imsemmija l-appellanti qedha ssostni li l-ewwel Qorti kienet skorretta meta cahdet it-talba ghall-isfilz tal-kontro-talba, in kwantu, skond is-socjeta` appellanti, din il-kontro-talba giet pprezentata b’mod irregolari man-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri minflok man-nota tal-eccezzjonijiet originali.

Jibda biex jinghad f’dan il-kuntest li l-proceduri odjerni, ghalkemm istitwiti kontra socjeta` estera, gew effettivament notifikati lill-kuraturi deputati mahtura appozitament mill-Qorti biex, fl-interess tas-socjeta` attrici, billi fin-nuqqas il-proceduri ma setghux jimxu, jirraprezentaw lis-socjeta` konvenuta assenti minn dawn il-Gzejjer u dana b’digriet tal-14 ta’ Gunju, 2004 u cioe` wara li gew istitwiti dawn l-istess proceduri. Kif normalment isir, anzi kif debitament awtorizzati in forza tas-subartikolu (7) tal-Artikolu 158 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-kuraturi hekk nominati, in vista tal-fatt li ma kellhom ebda konoxxenza tal-fatti tal-kaz u lanqas kuntatt (ghall-anqas sa dak il-hin) mal-persuni li kienu gew mahtura biex jirraprezentaw, ipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet – dejjem entro t-terminu ta’ 20 gurnata mid-data tal-hatra taghhom – kif rikjest mis-subartikolu (1) tal-Artikolu 158 tal-Kap 12, biex b’hekk jevitaw il-kontumacja kif dispost fis-subartikolu (10) tal-istess Artikolu 158. Billi l-istess kuraturi ma kellhomx konoxxenza tal-fatti tal-kaz dawn semplicement iddikjaraw li ma kellhomx mezz kif jikkomunikaw ma’ rappresentanti tas-socjeta` minnhom rapprezentata u fl-istess hin irrizervaw li jeccepixxu ulterjorment. Haga li ghamlu fis-16 ta’ Mejju, 2005 meta

kontestwalment ipprezentaw kontro-talba ghat-talbiet attrici.

Fil-kaz in ezami l-lanjanza tas-socjeta` appellanti mhux indirizzata lejn il-validita` o meno tal-kontro-talba *ut sic* billi ma tentrax f'dawk il-paramentri stabbiliti mil-ligi, izda qed issostni li din ma setghetx issir billi ma saritx man-nota tal-eccezzjonijiet originali. In sostenn ta' dan l-argument l-atturi appellanti kienu ghamlu referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tat-3 ta' April, 1989 fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Brownrigg noe vs Frederick Heese et noe** fejn kien gie ribadit il-principju li kontro-talba ghandha tigi pprezentata man-nota tal-eccezzjonijiet originali u mhux ma xi wahda sussewgenti. Biss din il-Qorti tosserva li din ir-referenza ma ghandha ebda utilita` ghall-kaz sotto-ezami u dan ghas-semplici raguni li, kuntrarjament ghall-kaz odjern, fil-kaz citat kienu l-istess konvenuti li kienu gew notifikati bl-atti tac-citazzjoni u kienu huma stess li pprezentaw nota tal-eccezzjonijiet originali u konsegwentement skatta l-provvediment tal-Artikolu 398(1) tal-Kap 12 li jipprovdi li l-kontro-talba ghandha tigi prezentata man-nota tal-eccezzjonijiet. Mentri fil-kaz odjern il-konvenuti, ossia l-kumpannija konvenuta qatt ma giet notifikata bl-att tac-citazzjoni hlief tramite l-kuraturi mahtura appozitament mill-Qorti biex jirraprezentawha. Dan gie ribadit fis-sentenza tal-Prim Awla tal-Qortri Civili fil-kawza **Profs. Victor Milanes et vs Avukat Christopher Cilia et** deciza fit-18 ta' Ottubru, 2005 u citata fid-digriet tal-ewwel Qorti tat-18 ta' Novembru, 2005. Ghalhekk filwaqt li fil-kaz citat mis-socjeta` attrici l-persuni notifikati bl-att tac-citazzjoni kienu jew kellhom ikunu pienament konxji tal-kwistjonijiet ta' bejn il-partijiet u setghu facilment ottemperaw ruhhom ma dak li tistabilixxi l-ligi, fil-kaz odjern il-kuraturi ma kellhom ebda konoxxenza tal-mertu u setghu biss iressqu l-eccezzjonijiet 'proprji' u sahansitra kontro-talba wara li jikkomunikaw mal-patrocinati taghhom.

Is-sottomissjoni tas-socjeta` appellanti, jekk kellha tigi akkolta, twassal ghas-sitwazzjoni ngusta u inekwa u bla sens li persuna assenti rapprezentata minn kuraturi la tista` tressaq eccezzjonijiet fil-mertu gialadarba gia jkunu

gew prezentati eccezzjonijiet mill-kuraturi u dan a tenur tal-Artikolu 728 tal-Kap. 12, u ma tkunx tista' tipprezenta kontro-talba. Dan fil-fehma ta' din il-Qorti jmur kontra l-principju ta' *equality of arms* u kontra l-principju ta' *fair hearing*. Dan l-aggravju ghalhekk mhux qed jigi akkolt billi mhux gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-aggravji mressqa fir-rigward tas-sentenza appellata mehudin fl-assjem taghhom u tenut kont ta' dak li jinghad *in extenso* fir-rikors tal-appell huma indirizzati lejn l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti sew biex dawn iggustifikaw l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta sew biex ikkorroboraw l-allegazzjonijiet u talbiet tas-socjeta` attrici.

Issa huwa risaput li din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, toqghod lura milli tiddisturba l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti hlief fil-kaz li jirrizultalha li dak l-apprezzament kien palesement zbaljat u li ghalhekk kellha tingibed konkluzzjoni differenti minn dik li waslet ghaliha l-ewwel Qorti. Minn ezami akkurat tal-provi prodotti, estensivament riprodotti fir-rikors tal-appell, din il-Qorti ma ssib ebda raguni ghalha ghandha tasal ghal konkluzzjoni differetenti minn dik li waslet ghaliha l-ewwel Qorti.

Infatti, kif sewwa gie ritenut fis-sentenza appellata (tal-31 ta' Mejju 2007), l-azzjoni attrici ma tistax tkun bazata fuq il-kuntratt li kien gie iffirmat bejn is-socjeta` attrici u Hidroconstruction billi s-socjeta` konvenuta ma tinkwadra mkien f'dan il-kuntratt u kull provvediment dwar penali ossia *preliquidated damages* li huma kontemplati fil-kuntratt ta' bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` Hidroconstruction qatt ma jista` jolqot is-socjeta` konvenuta. Kien ghalhekk jispetta li s-socjeta` attrici mhux biss turi li s-socjeta` konvenuta kienet inadempjenti fl-obbligi taghha assunti fil-*purchase order* tal-24 ta' Gunju, 2006, izda tipprova li l-penali li hija inkorriet mas-socjeta` Hidroconstruction kienet dovuta principalment minhabba xi nuqqas da parti tas-socjeta` konvenuta.

Issa jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kienet, fuq rikjesta tas-socjeta` attrici, obbligat ruhha li timmanifattura zewg konsenji ta' "alloy steel elements" li l-istess socjeta` attrici kienet intrabtet li tforni lis-socjeta` Hidroconstruction fuq il-lant tax-xoghol fil-Libja. Skond il-*purchase order* imsemmi dawn l-*alloy steel elements* kellhom jigu kompletati *ex works* fil-Polonia f'zewg dati pre-determinati u cioe` fil-15 ta' Settembru, 2002 u fis-7 ta' Ottubru, 2002. Irrizulta pero` li f'data sussegwenti ghall-istess *purchase order* is-socjeta` konvenuta giet mitluba biex tibghat il-merkanzija direttament gewwa l-Libja u ghalhekk l-istess socjeta` konvenuta hadet hsieb is-*shipment* tal-merkanzija filwaqt li s-socjeta` attrici appellanti hallset is-*shipping costs*. F'dan li stadju ma jirrizultax li kien hemm xi ilment da parti tas-socjeta` Hidroconstruction minhabba xi dewmien fil-konsenja tal-mercja da parti tas-socjeta` konvenuta. Dan infatti jghidu Joze Grisnik ir-Resident Manager tas-socjeta` Hidroconstruction, li fl-affidavit tieghu tas-27 ta' Settembru, 2006 (fol. 116) ighid bla tlaqliq is-segwenti:
"Notwithstanding the late delivery of the consignments made by Projtech, these is no way interrupted the construction works being carried out by Hidroconstruction. Although the consignment by Projtech did have defects, such defects were small in number, of minor importance and minimal impact so much so that Hidroconstruction carried out the repair works itself and was reimbursed for the relative costs (EURO of 2.520,00) directly by Protech."

Meta jitkellem fuq is-socjeta` attrici u l-inadempjenzi taghha l-istess Joze Gricnik ikompli hekk fl-affidavit tieghu:-
"I further confirm that the agreement signed between Motherwell Bridge Mediterranean Limited and Hidroconstruction concerning the payment of Euro87,000 as penalties due by the former to the latter in relation to delays and duties paid because of these delays <u>which have nothing to do with Projtech</u>…." (sottolinear ta' din il-Qorti).

Dan ix-xhud jkompli biex jaghti lista dettaljata tar-ragunijiet l-ghala giet imposta l-penali fuq is-socjeta` attrici u cioe` l-

ispejjez inkorsi mis-socjeta` Hidroconstruction minhabba nuqqas tas-socjeta` attrici billi din "*did not execute the prefabricated, welded Steel elements according to the approved drawings*." Ghal dan is-socjeta` Hidroconstruction inkorriet spiza ta' Euro94,754. Spiza ta' Euro14,700 giet ukoll inkorsa minnha biex tikkostruwixxi xi *steel elements* li ma gewx suppliti mis-socjeta` attrici; u dewmien fil-konsenja minn Malta li kellha taghmel is-socjeta` attrici. Minhabba dan id-dewmien tas-socjeta` attrici, ighid l-istess xhud, is-socjeta` Hidroconstruction inkorriet fi spiza ta' Euro30,000 ghal kiri ta' crane.

Finalment ix-xhud Gricnik jikkonkludi hekk:
"*Due to the late delivery of the apparatus manfactured by Motherwell Bridge as well as to a number of defects which required to be repair and a great deal of extra welding and prefabricated works, Hidroconstruction claimed penalties in view of such delays and duties paid due to these delays in the sum of Euros87,000*. *this amount was agreed after discussions took place and a reduction in penalties due negotiated with Motherwell Bridge.*"

Din ix-xhieda ma thalli ebda dubbju f'mohh din il-Qorti li ma hemm ebda relazzjoni bejn xi dewmien li setghet kienet responsabbli ghalih is-socjeta` konvenuta u l-penali li giet imposta fuq is-socjeta` attrici. Konsegwentement tonqos ir-rabta ta' kawza u effett, u ghalhekk l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi.

Dwar l-aggravju tas-socjeta` appellanti rigwardanti l-akkoljiment tal-kontro-talba ftit hemm xi tghid. Infatti l-ammont reklamat mis-socjeta` konvenuta jirrizulta kkonfermat bil-gurament fid-dikjarazzjoni annessa mal-kontro-talba, u ma jidhirx li huwa kkontestat mis-socjeta` attrici hlief ghall-fatt li dan ma hux dovut minhabba tpacija li ghandha tirrizulta wara li l-istess socjeta` attrici tigi kanonizzata kreditrici tas-socjeta` konvenuta, liema tpacija ma tistax issehh stante li t-talba attrici mhux qed tigi akkolta. Isegwi li l-ammont bilancjali reklamat mis-socjeta` konvenuta huwa dovut, kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti. Dwar il-kundanna tal-imghax fuq l-ammont hekk likwidat din il-Qorti tosserva li gialadarba d-debitu

huwa ta’ natura kummercjali l-imghax, kif sewwa rriteniet l-ewwel Qorti, jibda jiddekorri mid-data ta’ meta l-ammont kien dovut.

Din il-Qorti ghalhekk, filwaqt li tabbraccja u taghmel taghha l-argumenti u konkluzzjonijiet tal-ewwel Qorti, tichad l-aggravji tas-socjeta` appellanti fil-mertu bhala infondati.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` attrici qed jigi michud u d-digrieti u s-sentenza appellati qeghdin jigu konfermati,` bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra s-socjeta` attrici appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------